**180. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar jipproponi:**

Billi b'Riżoluzzjoni Numru 362 tad-19 ta' Ottubru 1981, il-Kamra tad-Deputati approvat it-trasferiment tal-Forti Sant'Anġlu lill-Cottonera Properties Limited;

U billi l-istess Kumpanija talbet xi tibdil fil-konċessjoni enfitewtika approvata bl-istess Riżoluzzjoni rigwardanti d-dritt li tiddisponi mill-proprjetà lill-terzi persuni skont l-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartiklu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-kuntratt fuq imsemmi tal-20 ta' Ottubru, 1981 jiġi modifikat kif jirriżulta mill-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

25.07.84